

3. Leġislazzjoni li ma tistabbilixx distinzjoni bejn il-ksur amministrattiv (Artikolu 127(1) taż-Zakon za markite i geografskite oznachenia (il-Liġi dwar it-Trade Marks u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, iktar 'il quddiem iż-“ZMGO”) fil-verżjoni attwali ta' din il-liġi u Artikolu 81(1) taż-ZMGO fis-seħħ fl-2016), ir-reat kriminali previst fl-Artikolu 172b (1) tan-NK u, fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, ir-reat kriminali previst fl-Artikolu 172b(2) tan-NK, hija konformi mal-prinċipju ta' *nullum crimen, sine lege*, kif iddikjarat fl-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?
4. Il-pieni previsti fl-Artikolu 172b(2) tan-NK, jiġifieri bejn ħames u tmien snin privazzjoni tal-libertà u multa ta' bejn BGN 5 000 u BGN 8 000, huma konformi mal-prinċipju ddiċjarat fl-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jipprovdi li s-severità tal-piena ma għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fid-29 ta' Ottubru 2021 – IM GESTÃO DE ATIVOS – SOCIEDADE GESTORA DE ORGANISMOS DE INVESTIMENTO COLETIVO, S.A. et vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-656/21)

(2022/C 37/23)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: IM GESTÃO DE ATIVOS – SOCIEDADE GESTORA DE ORGANISMOS DE INVESTIMENTO COLETIVO, S.A. et

Konvenut: Autoridade Tributária e Aduaneira

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE tat-12 ta' Frar 2008 dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (¹) jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali, bħall-appropriazzjoni 17.3.4 tal-Código do Imposto do Selo (il-Kodiċi tat-Taxxa tal-Boll), li tipprevedi t-tassazzjoni fil-forma ta' taxxa tal-boll fuq il-kummissjonijiet imposti minn banek lill-entitajiet ta' ġestjoni ta' fondi ta' titoli b'kapital varjabbli għall-provvista ta' servizzi lil dawn tal-aħħar relatati mal-attività tal-banek intiża għat-twettiq ta' sottoskrizzjonijiet ġodda ta' Unitajiet ta' Ishma, jiġifieri li tirrigwarda dħul ġdid ta' kapital mill-fondi ta' investment u li jimmaterjalizza ruħu bis-sottoskrizzjoni ta' unitajiet ġodda ta' ishma maħruġa mill-fondi?
- 2) L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2008/7 jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tipprevedi t-tassazzjoni fil-forma ta' taxxa tal-boll fuq il-kummissjonijiet ta' ġestjoni imposti mill-entitajiet ta' ġestjoni fuq il-fondi ta' titoli b'kapital varjabbli, sa fejn dawn il-kummissjonijiet jinkludu l-impożizzjoni mill-ġdid tal-kummissjonijiet imposti mill-banek lill-entitajiet ta' ġestjoni għall-attività msemmija?

(¹) ĠU 2008, L 46, p. 11.